**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 17 ta` April, 2018.**

**Talba Nru: 221/2017PA**

**Carmelo Mifsud u Mary Mifsud**

**vs**

**Pamela Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-25 ta` April 2017 li permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas tas-somma ta` elf, mija, tmienja u tmenin Ewro, ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,188.65ċ) rappreżentanti spejjeż u drittijiet professjonali in konnessjoni mal-konvenju u l-akkwist prospettiv tal-proprjeta` immobbli tal-konvenuta, fejn irriżulta li l-att finali ma setax isir billi l-konvenuta kienet konxja min-numru ta` irregolaritajiet li ma ppermettewx li jsir l-att finali, u minkejja tali irregolaritajiet xorta waħda ħalliet lir-rikorrenti jagħmlu l-ispejjeż in konnessjoni mal-istess proprjeta`, u liema ammont huwa indikat fl-ittra tal-21 ta` Marżu 2017, oltre s-somma ta` disgħa u ħamsin Ewro (€59) spejjeż legali u drittijiet professjonali (inkluż VAT), u l-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat

ta` sekwestru preżentat kontestwalment, liema talba qed issir billi l-konvenuta baqgħet inadempjenti minkejja t-talba għar-rifużjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet (i) it-tardivita` tal-proċedura billi l-attur setgħu nfurżaw il-konvenju li kellhom magħha, permezz ta` ittra uffiċjali, u kawża, fit-termini tal-art. 1357 tal-Kodiċi Ċivili, pero` naqsu li jagħmlu dan; u (ii) kienu l-atturi li ddeċidew li ma jkomplux bit-twettiq tal-wegħda tagħhom ta` xiri; (iii) fiċ-ċirkostanżi, l-atturi għandhom ibatu l-ispejjeż normali ta` transazzjoni bħal din.

Sema' lill-partijiet u lix-xhieda mressqa minnhom.

Ra d-dokumenti eżibiti.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża għad-danni li l-atturi qed jagħmlu kontra l-konvenuta wara l-iskadenza definittiva ta` konvenju li kien hemm bejniethom għall-akkwist mingħand l-istess konvenuta ta` appartament fi Triq il-Gogi, Swieqi.

L-attur **Carmelo Mifsud**[1] xehed li kien innegozja mal-konvenuta l-akkwist ta` dan l-appartament, u kien inkariga lin-Nutar Dottor Vanessa Grech biex tirrediġi l-konvenju, tara r-riċerki tat-titolu u tippublika l-att ta` bejgħ u xiri relattiv. Qal li kien qabbad ukoll perit biex jivverifika jekk il-post kienx mibni skond il-permessi. Mill-verifika li għamel, il-perit kien qallu li ma setgħux isibu l-permess tal-binja, u li kien hemm twieqi u ħajt li ma kinux skond il-permess. Qal li l-konvenuta awtrizzatu jqabbad perit hu biex jara kemm kienet l-ispiża tar-regolarizzazzjoni, pero` hu ma riedx jerfa' dan il-piż u ppretenda li tieħu ħsieb hi u jixtri sewwa mingħandha. Hi ma riedet tagħmel xejn, u ma waslux sal-kuntratt. Qal li d-depożitu ħadu lura mingħand in-Nutar, u

[1] Ara xiehda, 3.10-2017

ħallasha tax-xogħol li għamlet. Il-ħlas mitlub b'din il-kawża huma l-ispiża notarili li nkorra, u li jippretendi li taħti għaliha l-konvenuta.

In kontroeżami, l-attur qal li lill-konvenuta kien ikellimha kemm direttament, u anke bil-mezz tan-Nutar li kien inkariga. Qal li s-sensala ma kinetx daħlet f'din il-kwistjoni, u li l-proprjeta` ma ridhiex bil-problemi, u anqas kien lest jitħabat hu biex iġib kollox sew. Qal li l-konvenuta weġbitu li, f'dak il-każ, seta` ma jixtrix, u dan waqt il-konvenju. Ikkonferma li huwa kien qabbad lill-perit Hector Zammit, u li mal-konvenuta kien ftiehem li l-ispejjeż notarili jħallashom hu, inkuż dawk konnessi mal-konvenju.[2]

L-atturi ppreżentaw diversi dokumenti, senjatament (i) kopja tal-konvenju bejn il-kontendenti datat 27 ta` Awissu 2016, flimkien mar-riċevuta tar-reġistrazzjoni tiegħu, u ftehim privat dwar il-bejgħ ta` għamara konkluż bejn il-kontendenti fl-istess jum[3]; (ii) kopja tal-kont tal-perit Hector Zammit[4]; (iii) kopja tal-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet imħejjija mill-istess perit[5]; (iv) kopja tal-kont tan-Nutar Vanessa Grech, flimkien mar-riċevuta fiskali tal-ħlas[6]; (v) kopja tal-ittra legali mibgħuta lill-intimata flimkien mar-riċevuta fiskali tad-drittijiet legali mħallsa dwarha[7].

L-atturi ressqu b'xhud tagħhom lill-perit inkarigat minnhom **AIC Hector Zammit**[8]. Huwa xehed li l-inkarigu mogħti mill-atturi kienet eżegwietu l-perit Yanica Zammit, mill-uffiċju tiegħu, u kien jikkonsisti fir-redazzjoni ta` pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet dwar l-appartament tal-konvenuta fis-Swieqi. Huwa qal ukoll li l-perit Zammit ma kinetx għadha taħdem għad-ditta tiegħu, u li mill-fajl sab riferenza għal żewġ permessi tal-Awtorita` tal-Ippjanar bin-numru 4262/1999 u 917/1999, pero` ma sabx informazzjoni oħra.

---

[2] Ara klawsola 13 tal-konvenju, fol. 28
[3] Fol. 24 sa 35
[4] Fol. 36 sa 37
[5] Fol. 38 sa 39
[6] Fol. 40 sa 44
[7] Fol. 45 sa 46
[8] Ara xiehda 7.11-2017

Meta xehdet il-perit **AIC Yanica Zammit**[9], din ikkonfermat li kienet taħdem fl-uffiċju tal-perit Hector Zammit. Qalet li l-inkarigu mogħti mill-atturi kien jikkonsisti filli taċċedi fl-appartament li kienu qed jixtru fis-Swieqi, u li tieħu l-qisien u tagħmel verifiki dwar il-permessi. Qalet li ħadet il-qisien u ppreparat pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet, u għamlet riċerka fl-Awtorita` tal-Ippjanar biex issib il-permessi ta` żvilupp li kien hemm fuq il-post. Qalet li sabet riferenza ta` tlett permessi u ordnat il-fajls, pero` dawn ma kinux f'posthom u l-permess li kien jirreferi għal dan l-appartament ma sabitux. Mill-verifiki fuq il-post sabet li dan ma kienx konformi mar-regolamenti tas-Sanita` applikabbli fiż-żmien li nbena għaliex il-kamra tal-banju li kien hemm mal-kamra tas-sodda ma kienx fiha tieqa. Qalet ukoll li dawn il-liġijiet inbidlu madwar sena qabel xehdet, u issa dan ir-rekwiżit jista` jiġi sodisfatt b'*mechanical ventilation*. Qalet li hi aċċediet fuq il-psot fis-sena 2016, u li dak iż-żmien ma kienx hemm mod kif in-nuqqas li semmiet jiġi sanat.

In kontroeżami, il-perit Zammit iddikjarat li preżentement dan in-nuqqas jista` jiġi sanat billi ssir applikazzjoni bi proċess li jieħu madwar erba' xhur, pero` insistiet li, fiż-żmien in kwistjoni, ma kienx hemm mod kif jiġi sanat.

L-atturi ppreżentaw affidavit tan-**Nutar Dottor Vanessa Grech**[10]. Hija ddikjarat li f'Awissu 2016, l-attur kien talabha tippreparalu konvenju biex hu u martu jixtru appartament is-Swieqi. Qalet li lill-attur u lill-familja tiegħu tafhom b'xogħol, u lill-konvenuta iltaqgħet magħha l-ewwel darba meta sar il-konvenju, ċioe fis-27 ta` Awissu 2016. Qalet li, wara l-konvenju, hija talbet lill-atturi jinkarigaw perit biex iħejji l-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet, u biex jispezzjona l-proprjeta` u jivverifika li nbniet skond il-permessi; filwaqt li min-naħa tagħha bdiet il-verifika tat-titolu.

In-Nutar Grech iddikjarat li, xi żmien wara, l-atturi infurmawha li l-perit inkarigat minnhom Hector Zammit kien bagħat lill-perit Yanica Zammit tispezzjona l-appartament, u sabet li kien hemm parti żgħira mill-appartament li ma kinetx mibnija skond il-liġi,

[9] Ara xiehda, 29.11-2017
[10] Dok. CM6, fol. 61 sa 64

minħabba li l-kamra tal-banju li kien hemm fil-kamra tas-sodda l-prinċipali ma kienx fiha tieqa, u kellu jkollha tieqa, u kif kienet setgħet biss tkun kamra tas-sodda. Meta tkellmet direttament mal-perit Zammit, oltre li spjegatilħa dan, qaltilha wkoll li kien hemm diffikulta` oħra għaliex il-permess oriġinali ma nstabx. Il-perit baqgħet ma kkonfermatilhiex li l-binja kienet skond il-permessi.

In-Nutar kompliet tgħid li, meta tkellmet bit-telefon mal-konvenuta dwar dan, hi urietha li kienet taf, u qaltilha li dik il-kamra tal-banju kienet għamlitha hi wara li xtrat l-appartament. Il-konvenuta kienet weġbitha li kienet ser tinkariga perit tal-fiduċja tagħha pero` qaltilha ċar li ma kellhiex ħin tieħu ħsieb tirregolarizza l-proprjeta` u lanqas riedet tidħol fi spejjeż u għalhekk l-atturi kellhom jagħżlu jekk jixtrux b'li hemm, inkella jieħdu ħsieb il-proċess tar-regolarizzazzjoni huma. In-Nutar ddikjarat li, minn dan kollu, il-konvenuta ma semmiet xejn meta ltaqgħu u sar il-konvenju.

In-Nutar temmet tgħid li l-attur ma kinux interessati jixtru b'din il-problema, u l-konvenuta ma kellmithiex aktar. Minħabba f'hekk, l-atturi waqqfuha milli tkompli tivverifika t-titolu f'Novembru 2016 biex ma jikbrux l-ispejjeż, u f'Diċembru 2016 talbuha l-kont u ħallsuha ftit żmien wara.

In kontroeżami[11], in-Nutar Vanessa Grech xehdet li kienet qrat u spjegat lill-partijiet kollha l-kundizzjoni numru tlettax (13) fil-konvenju, u kulħadd kien sodisfatt u fehem għal li kien qed jiffirma. Qalet li mal-konvenju, l-atturi tawha ċekk ta` depożitu f'isem il-konvenuta, li zammitu għandha sakemm tlesti r-riċerki, u li wara li skada l-konvenju rritornatu lill-atturi. Qalet ukoll li, fuq talba tal-atturi, talbet għalihom rimbors tal-boll li kienu ħallsu provviżorjament biex ġie reġistrat il-konvenju skond il-liġi.

Il-konvenuta **Pamela Vella**[12] xehdet li hija taħdem, u fi ħsiebha tmur tgħix għal kollox, barra minn Malta. Qalet li għamlet ħsieb li tbiegħ il-proprjeta` li għandha minħabba f'hekk. L-atturi kienu marru jaraw l-appartament tagħha, għogobhom, marru

[11] Ara xiehda, 27.3-2018, fol. 76 sa 77
[12] Ara xiehda, 24.1-2008, fol. 66 sa 68

għand in-Nutar u għamlu konvenju. Wara dan, bagħtu l-perit tagħhom biex jara l-post. Qalet li kellha kamra tal-banju u kienet qasmitha biex tagħmel *washing machine* fiha, u l-perit tal-atturi kkummentatilha li dan ma kienx skond il-permess. Qalet li din kienet sorpriża għaliha. Qalet li l-perita tal-atturi kienet qaltilha li din l-irregolarita` setgħet tirranġaha b'DNO u hi aċċettat. Skond hi, minħabba li ma kinetx ser tkun Malta, inkarigat lill-atturi biex jieħdu ħsieb il-proċess, bi spejjeż tagħha, u l-ispiża kienet ta` €60. Il-konvenuta qalet ukoll li, fil-kors tal-konvenju, l-attur kien ċemplilha u staqsieha jekk faċċata tagħha kinux ser iwaqqgħu binja, pero` qaltlu li ma kinetx taf għalkemm kienet rat avviż li l-proprjeta` kienet għall-bejgħ. Skond hi, dakinhar ħasset li l-attur kien reġa' bdielu.

In kontroeżami, il-konvenuta xehdet li l-perita tal-atturi kienet Yanica Zammit, filwaqt li l-perita tagħha kenet Annalisa Zammit. Qalet li kienet din Annalisa Zammit li qaltilha li d-DNO ken jiswa €60. B'din l-ispiża kienet aċċettat li n-nuqqas jiġi regolarizzat, u wkoll li l-proċess isir bi spejjeż tagħha. Il-konvenuta insistiet li kienet il-perita nkarigata mill-atturi, AIC Yanica Zammit, li qaltilha li n-nuqqas li kellha seta` jitranga b'DNO bi spiża ta` €60.

Meta, b'ordni tat-Tribunal, xehdu l-periti tal-kontendenti f'konfront bejniethom, il-perit **Yanica Zammit**[13] inkarigata mill-atturi ddikjarat li, meta żaret il-proprjeta` tal-konvenuta, il-liġijiet il-ġodda tas-sanita` kienu għadhom kemm daħlu fis-seħħ, u allura d-diffikulta` bin-nuqqas ta` tieqa setgħet tiġi regolarizzata, għalkemm l-eżitu relattiv ma setax ikun konkluż sal-iskadenza tal-konvenju. Dwar l-ispiża relattiva, il-perit Zammit xehdet li, kieku nstab il-permess tal-appartament, seta` jsir DNO bi spiża ta` €60 pero` l-permess ma nstabx u allura riedet tiġi segwita l-proċedura tal-liġi tas-sanita` li tinvolvi spiża ta` €50 biex issir l-applikazzjoni u multa ta` madwar €1,000 minħabba l-qies tal-appartament. Hija ma eskludietx li lill-konvenuta kienet qaltilha li b'DNO u bi spiża ta` €60 setgħet iġġib l-appartament skond il-liġi. Billi f'dan il-każ ma nstabx il-permess, u kienet ħarġet il-liġi dwar regolarizzar ta` proprjeta` minħabba nuqqasijiet sanitarji, ma

[13] Ara xiehda, 14.2-2018, fol. 70 sa 71

kienx hemm mod kif jiġi sanat dan in-nuqqas ħlief bil-proċedura l-ġdida, u l-ħlas tal-multa, liema proċess kien jieħu erba' jew ħames xhur biex jiġi konkluż.

Fl-istess udjenza, il-perit **AIC Annalisa Zammit**[14], inkarigata mill-konvenuta, ikkonfermat dak kollu dikjarat qabilha mill-perit AIC Yanica Zammit. Hija ddikjarat ukoll li, sa dakinhar, il-permess tal-appartament tal-konvenuta kien baqa' ma nstabx. Hija ddikjarat li l-konvenuta ma kinetx inkarigatha biex twettaq dan il-proċess fl-aħħar tas-sena 2016 u fi-bidu tas-sena 2017.

Ikkunsidra wkoll li:

F'din il-kawża, l-atturi jippretendu li l-konvenuta għandha tiġi akkollata r-responsabbilta` ċivili għall-ispejjeż li nkorrew huma, konsistenti fil-miżati professjonali tan-Nutar, u tal-perit, inkarigati minnhom, biex iwettqu l-verifiki meħtieġa għall-finijiet tat-twettiq tal-wegħda ta` bejgħ dwar l-appartament tal-konvenuta fi Triq il-Gogi, Swieqi konkluża bejniethom. Il-konvenuta tikkontendi li, ladarba l-atturi ħallew il-konvenju ta` bejniethom jiskadi mingħajr ma bdew il-proċedura biex dan jitwettaq, fit-termini tal-**artikolu 1357(2)** tal-Kodiċi Ċivili, allura m'għandhomx aktar rimedji naxxenti mill-istess obbligazzjonijiet li kien hemm bejniethom, u konsegwentement lanqas il-jedd ta` azzjoni tentat minnhom b'dan il-proċediment. In sostenn ta` dan, il-konvenuta tiċċita fir-Risposta tagħha[15] diversi sentenzi, l-aktar waħda riċenti **Dr Simon Galea Testaferrata nomine vs Joseph Farrugia et**[16].

Dwar ir-responsabbilta` ċivili minħabba fi ksur ta` obbligu kuntrattwali, l-**art. 1125** tal-**Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk:

> **1125.** Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.

[14] Ara xiehda, 14.2-2018, fol. 73 sa 74
[15] Fol. 12
[16] Prim'Awla, 25.6-2013

Il-konvenuta obbligat ruħha li tbiegħ lill-atturi, li aċċettaw dik l-obbligazzjoni, u da parti tagħhom obbligaw ruħhom li jixtru mingħandha, l-appartament 2, Glen Eagles, Triq il-Gogi, Swieqi, b'diversi pattijiet u kundizzjonijiet, fosthom li *'Il-Venditriċi qiegħda tiddikjara u tiggarantixxi illi ma jeżistu ebda kawżi pendenti [litigazzjoni] jew mhedda fuq il-proprjeta` immobbli ser sejra tinbiegħ'*[17] u li *'Il-Venditriċi qiegħda tiddikjara u tiggarantixxi illi l-appartament jinsab mibni skond il-permessi tal-bini u skond ir-regolamenti tal-bini u tas-sanita`*[18] bid-dritt favur l-atturi li *'jqabbdu perit tal-fiduċja tagħhom sabiex jara jekk l-appartament u l-blokk li jinsab fih huwiex mibni skond il-permessi tal-bini u skond ir-regolamenti tal-bini u tas-sanita` ... Jekk il-Kompraturi jinformaw lill-Venditriċi sa mhux aktar tard minn xahar qabel id-data tal-att finali illi l-appartament fuq deskritt m'huwiex mibni skond il-permeessi tal-bini u skond ir-regolamenti tas-sanita` .... il-Kompraturi jistgħu jagħżlu li jħassru dana l-konvenju'.* [19]

Irriżulta mill-provi li, sakemm dam fis-seħħ il-konvenju ta` bejgħ u xiri bejn il-partijiet, il-bejgħ ma setax isir għaliex il-konvenuta ma setgħetx tiggarantixxi li ma kien hemm ebda litigazzjoni hedda fuq l-appartament, u li kien mibni skond il-permessi tal-beni u r-regolamenti tas-sanita`. Lil hinn mid-diffikulta` li qamet għaliex il-permess applikabbli ma setax jiġi rintraċċjat, ġie ppruvat, u t-Tribunal jemmen li l-konvenuta kienet taf, jew messha kienet taf, li l-appartament kellu vjolazzjoni tal-liġijiet sanitarji minħabba li kellu kamra tal-banju mingħajr tieqa. Minnaħa tagħhom, l-atturi ma kinux lesti jixtru b'dan in-nuqqas li kien fih l-appartament, u li rriżulta li seta` jesponihom għal multa konsiderevoli biex jiġi regolarizzat.

Huwa ċar minn dan kollu li dan huwa każ fejn <u>il-bejgħ ma setax isir aktar</u>, anke għaliex, kif irriżulta wkoll mill-provi, il-konvenuta naqset li tagħmel dak meħtieġ minnha sabiex telimina dan in-nuqqas fil-proprjeta` tagħha u ġġib lilha nnifisha f'sitwazzjoni fejn setgħet tagħti lill-atturi l-garanżiji li wiegħdet li tagħtihom fil-konvenju. L-**art. 1357(1)** tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

---

[17] Ara klawsola sitta (6), fol. 26
[18] Ara klawsola sebgħa (7), fol. 26 sa 27
[19] Ibid.

> **1357.** (1) Il-wegħda ta` bejgħ ta` ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta` qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, **jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista` iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant**.

Hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna li wegħda ta` bejgħ tista` tiġi inforzata meta jkunu jeżistu ċ-ċirkostanżi kollha meħtieġa biex dik il-wegħda titwettaq, u bil-proċediment tal-infurzar ta` konvenju fit-termini tal-**art. 1357(2)** tal-**Kodiċi Ċivili** ma jistax jintalab ukoll li min ikun qed ibiegħ jottempora ruħu ma' pattijiet jew kundizzjonijiet miftiehma, li jkunu għadhom mhux sodisfatti. (ara fost oħrajn **Patricia Degiorgio vs Ramel u Żrar Limited**, Prim'Awla, 16.10-2013) Fejn dan ikun il-każ, il-bejgħ jitqies li ma jkunx jista` jsir aktar, u allura ma jkunx hemm raġuni għalxhiex issir il-proċedura stipulata fis-subartikolu (2) biex il-wegħda titwettaq. Dan pero` ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-parti li tkun batiet telf li tfittex għad-danni.

Kif qalet sewwa il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Steve Cachia et vs Nicholas Cutajar et**[20], u fuq l-istess linji s-sentenza ċitata mill-konvenuta fl-ismijiet **Dr. Simon Galea Testaferrata nomine vs Joseph Farrugia et**, l-impossibilita` li l-wegħda ta` bejgħ titwettaq, mingħajr ħtija tax-xerrej prospettiv, tħalli disponibbli lix-xerrej imwiegħed mhux sodisfatt ir-rimedju tad-danni f'każ li jkun bata telf attwali bi ħtija ta` min jinstab li jaħti għall-impossibilita` li titwettaq dik il-wegħda. Fis-sentenza l-aħħar imsemmija, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet ċar li *'talba skjetta għad-danni wara li konvenju jkun skada mingħajr ħadd ma jkun żamm ħaj l-istess konvenju bl-applikazzjoni tal-artikolu 1357 tista` ssir biss meta, kif igħid l-istess artikolu, il-bejgħ ma jkunx jista` iżjed isir. Fil-każijiet msemmija mill-atturi*[21] *dan kien proprju l-każ. Fiż-żewġ kawżi il-kwistjoni kienet dwar bini li ma kellux il-permessi neċessarji u li kwindi kundizzjoni tal-konvenju ma setgħetx tiġi osservata`.*

---

[20] 1.7-2005

[21] **Steve Cachia et vs Nicholas Cutajar et**, Appell, 1.7-2005; u **Dominic Cutajar vs John Debono**, Prim'Awla, 28.2-2003

Mill-bqija, it-Tribunal jinsab moralment konvint mit-telf li l-atturi jallegaw li ġarbu bi ħtijiet tal-konvenuta, u dan wara li qies kemm id-dokumenti eżibiti u aktar ix-xiehda tal-professjonisti li qed jitolbu r-rifużjoni tad-drittijiet imħallsa lilhom.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma mitluba ta` elf, mija, tmienja u tmenin Ewro, ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,188.65ċ), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba jitħallsu mill-konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**